# Il-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem

# Il-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem

kif ġiet emendata bil-Protokolli Nru 11 u Nru 14

supplementata bil-Protokolli Nru 1, 4, 6, 7, 12, 13 u 16

It-test tal-Konvenzjoni qed jiġi ppreżentat kif emendat bid-disposizzjonijiet tal-Protokoll Nru 14 (CETS Nru 194) mid-data tad-dħul fis-seħħ tiegħu fl-ewwel ta’ Ġunju 2010. Preċedentement it-test tal-Konvenzjoni kien ġie emendat skont id-disposizzjonijiet tal-Protokoll Nru 3 (ETS Nru 45), li daħal fis-seħħ fil-wieħed u għoxrin ta’ Settembru 1970, tal-Protokoll Nru 5 (ETS Nru 55), li daħal fis-seħħ fl-għoxrin ta’ Diċembru 1971, u tal-Protokoll Nru 8 (ETS Nru 118), li daħal fis-seħħ fl-ewwel ta’ Jannar 1990, u inkluda wkoll it-test tal-Protokoll Nru 2 (ETS Nru 44) li, skont l-Artikolu 5 § 3 tiegħu, kien parti integrali mill-Konvenzjoni mid-data tad-dħul fis-seħħ tiegħu fil-wieħed u għoxrin ta’ Settembru 1970. Id-disposizzjonijiet kollha li ġew emendati jew miżjuda b’dawn il-Protokolli ġew sostitwiti bil-Protokoll Nru 11 (ETS Nru 155), mid-data tad-dħul fis-seħħ tiegħu fl-ewwel ta’ Novembru 1998. Minn dik id-data, il-Protokoll Nru 9 (ETS Nru 140), li daħal fis-seħħ fl-ewwel ta’ Ottubru 1994, ġie mħassar u l-Protokoll Nru 10 (ETS Nru 146) tilef l-iskop tiegħu.

L-istat attwali ta’ firem u ratifiki tal-Konvenzjoni u tal-Protokolli tagħha kif ukoll il-lista kompluta tad-dikjarazzjonijiet u r-riżervi huma disponibbli fuq il-websajt www.conventions.coe.int.

Il-verżjoni Ingliża tal-Konvenzjoni u dik Franċiża biss huma awtentiċi. Din it-traduzjoni ma hijiex verżjoni uffiċjali tal-Konvenzjoni.

Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem
Council of Europe
F-67075 Strasbourg cedex
www.echr.coe.int

# WERREJ

Il-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fondamentali ........ 5

Protokoll Nru 1 ........ 31

Protokoll Nru 4 ........ 34

Protokoll Nru 6 ........ 38

Protokoll Nru 7 ........ 42

Protokoll Nru 12 ........ 48

Protokoll Nru 13 ........ 52

Protokoll Nru 16 ........ 56

# Il-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fondamentali

Ruma, 4.XI.1950

PERESS LI L-GVERNIJIET FIRMATARJI TA' DIN IL-KONVENZJONI huma membri tal-Kunsill tal-Ewropa,

B'kunsiderazzjoni għad-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem, proklamata mill-Assemblea Ġenerali fl-għaxra ta' Diċembru 1948;

Billi din id-Dikjarazzjoni għandha l-għan li tiżgura r-rikonixximent universali u effettiv u r-rispett tad-drittijiet iddikjarati fiha;

Billi l-għan tal-Kunsill tal-Ewropa hu l-kisba ta' għaqda akbar bejn il-membri tiegħu u billi wieħed mill-metodi biex jinkiseb dan il-għan hu l-osservanza` u l-promozjoni tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fondamentali;

Filwaqt li jaffermaw mill-ġdid it-twemmin fil-libertajiet fondamentali li huma s-siesien tal-ġustizzja u l-paċi fid-dinja u li dawn huma aħjar imħarsa min banda permezz ta' demokrazija politika effettiva u mill-oħra permezz ta' fehma komuni u b' osservanza tad-drittijiet tal-bniedem li minnhom jiddependu;

Peress li, bħala gvernijiet tal-pajjiżi Ewropej ta' l-istess fehma u li għandhom wirt komuni ta' tradizzjonijiet politiċi, ideali, liberta` u stat ta' dritt, huma deċiżi biex jieħdu l-ewwel passi lejn l-infurzar kollettiv ta' ċerti drittijiet imsemmija fid-Dikjarazzjoni Universali,

Ftehmu kif ġej:

## ARTIKOLU 1

**Obbligu ta' rispett tad-drittijiet tal-bniedem**

Il-Partijiet Għolja Kontraenti għandhom jassiguraw lil kull min jaqa taħt il-ġurisdizzjoni tagħhom id-drittijiet u l-libertajiet kif msemmija fis-Sezzjoni I ta' din il-Konvenzjoni.

# SEZZJONI I<br>DRITTIJIET U LIBERTAJIET

## ARTIKOLU 2

**Id-dritt għall-ħajja**

1. Id-dritt għall-ħajja ta' kulħadd għandu jiġi protett b'liġi. Ħadd ma għandu jiġi pprivat mill-ħajja tiegħu intenzjonalment ħlief fl-esekuzzjoni tas-sentenza ta' qorti wara li jiġi misjub ħati ta' delitt li dwaru tkun provduta mil-liġi din il-piena.

2. Il-privazzjoni tal-ħajja ma għandhiex titqies bħala magħmula bi ksur ta' dan l-Artikolu meta tirriżulta mill-użu ta' forza li ma tkunx aktar minn dak li jkun assolutament meħtieġ:

(a) fid-dif ża ta' xi persuna minn vjolenza illegali;

(b) sabiex jiġi effettwat arrest skont il-liġi jew tiġi evitata l-ħarba ta' xi persuna detenuta skont il-liġi;

(ċ) f'azzjoni meħuda skont il-liġi sabiex tiġi megħluba rewwixta jew insurrezzjoni.

## ARTIKOLU 3

**Il-projbizzjoni tat-tortura**

Ħadd ma għandu jkun assoġġettat għal tortura jew għal trattament jew piena inumana jew degradanti.



## ARTIKOLU 4

**Il-projbizzjoni tal-iskjavitu` u l-ħidma furzata**

1. Ħadd ma għandu jinżamm fi skjavitu` jew f'servitu`.

2. Ħadd ma għandu jkun imġiegħel jagħmel xogħol forzat jew obbligatorju.

3. Għall-fini ta' dan l-Artikolu l-frażi "xogħol forzat jew obbligatorju" ma tinkludix:

(a) xogħol meħtieġ li jsir fil-kors ordinarju ta' detenzjoni imposta skont id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 5 ta' din il-Konvenzjoni jew waqt il-liberta` kondizzjonata minn dik id-detenzjoni;

(b) servizz ta' karattru militari jew, f'każ ta' persuni oġġezzjonanti minħabba l-kuxjenza f'pajjiżi fejn huwa hekk rikonoxxut, servizz imġiegħel minflok servizz militari obbligatorju;

(ċ) servizz imġiegħel f'każ ta' emerġenza jew ta' kalamita` li thedded il-ħajja jew il-ġid tal-komunita`;

(d) xogħol jew servizz li jifforma parti mill-obbligi ċiviċi normali.

## ARTIKOLU 5

**Id-dritt għall-liberta` u s-sigurta`**

1. Kulħadd għandu d-dritt għal-liberta` u għas-sigurta` tal-persuna. Ħadd ma għandu jiġi pprivat mil-liberta` tiegħu ħlief fil-każijiet li ġejjin u skont il-proċedura preskritta bil-liġi:

(a) id-detenzjoni skont il-liġi ta' persuna wara li tinsab ħatja minn qorti kompetenti;

(b) l-arrest jew id-detenzjoni skont il-liġi ta' persuna għal nuqqas ta' tħaris ta' ordni skont il-liġi ta' qorti jew sabiex jiġi żgurat it-twettiq ta' xi obbligu preskritt mil-liġi;

(ċ) l-arrest jew detenzjoni skont il-liġi ta' persuna effettwata sabiex tiġi miġjuba quddiem l-awtorita` legali kompetenti

fuq suspett raġonevoli li tkun ikommettiet reat jew meta jkun meqjus raġonevolment meħtieġ biex jiġi evitat li tikkommetti reat jew li taħrab wara li tkun għamlet reat;

(d) id-detenzjoni ta' minuri b'ordni skont il-liġi għall-iskop ta' sorveljanza edukattiva jew id-detenzjoni tiegħu skont il-liġi sabiex jiġi miġjub quddiem l-awtorita` legali kompetenti;

(e) id-detenzjoni skont il-liġi ta' persuni biex jiġi evitat it-tixrid ta' mard infettiv, ta' persuni mhux f'sensihom, addetti għall-alkohol jew għad-drogi jew vagabondi;

(f) l-arrest jew id-detenzjoni skont il-liġi ta' persuna biex jiġi evitat li tidħol mingħajr awtorita` fil-pajjiż jew ta' persuna li kontra tagħha tkun qed tittieħed azzjoni għad-deportazzjoni jew għall-estradizzjoni.

2. Kull min ikun arrestat għandu jiġi nfurmat minnufih, f'lingwa li jifhem, dwar ir-raġunijiet tal-arrest tiegħu u dwar kull akkuża kontra tiegħu.

3. Kull min ikun arrestat jew detenut skont id-disposizzjonijiet tal-paragrafu (1) (ċ) ta' dan l-Artikolu għandu jinġieb minnufih quddiem imħallef jew funzjonarju ieħor awtorizzat b'liġi biex jeżerċita setgħa ġudizzjarja u jkollu dritt għal proċeduri fi żmien raġonevoli jew għal ħelsien waqt pendenza tal-proċeduri. Il-ħelsien jista' jkun taħt kundizzjoni ta' garanziji biex jidher għall-proċeduri.

4. Kull min ikun ipprivat mil-liberta` tiegħu b'arrest jew detenzjoni jkollu dritt li jagħmel proċeduri biex il-legalita` tad-detenzjoni tiegħu tiġi deċiża malajr minn qorti u l-liberta` tiegħu tiġi ordnata jekk id-detenzjoni ma tkunx skont il-liġi.

5. Kull min ikun vittma ta' arrest jew detenzjoni bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' dan l-Artikolu jkollu dritt esegwibbli għal kumpens.



## ARTIKOLU 6

### Id-dritt għal proċediment ġust

1. Fid-determinazzjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu jew ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa ntitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi. Is-sentenza għandha tingħata pubblikament iżda l-istampa u l-pubbliku jistgħu jiġu esklużi mill-proċeduri kollha jew minn parti minnhom fl-interess tal-morali, tal-ordni pubbliku jew tas-sigurta` nazzjonali f' soċjeta` demokratika, meta l-interessi tal-minuri jew il-protezzjoni tal-ħajja privata tal-partijiet hekk teħtieġ, jew safejn ikun rigorożament meħtieġ fil-fehma tal-qorti f'ċirkostanzi speċjali meta l-pubbliċita` tista' tippreġudika l-interessi tal-ġustizzja.

2. Kull min ikun akkużat b'reat kriminali għandu jiġi meqjus li jkun innoċenti sakemm ma jiġix pruvat ħati skont il-liġi.

3. Kull min ikun akkużat b'reat kriminali għandu d-drittijiet minimi li ġejjin:

(a) li jkun infurmat minnufih, b'lingwa li jifhem u fid-dettal, dwar in-natura u r-raġuni tal-akkuża kontra tiegħu;

(b) li jkollu żmien u faċilitajiet xierqa għall-preparazzjoni tad-difiża tiegħu;

(ċ) li jiddefendi ruħu persunalment jew permezz ta' assistenza legali magħżula minnu stess jew, jekk ma jkollux mezzi biżżejjed li jħallas l-assistenza legali, din għandha tingħata lilu b'xejn meta l-interessi tal-ġustizzja jeħtieġu hekk;

(d) li jeżamina jew li jara li jiġu eżaminati xhieda kontra tiegħu u li jottjeni l-attendenza u l-eżami ta' xhieda favur tiegħu taħt l-istess kundizzjonijiet bħax-xhieda kontra tiegħu;

(e) li jkollu assistenza b'xejn ta' interpretu jekk ma jkunx jifhem jew jitkellem il-lingwa użata fil-qorti.

## ARTIKOLU 7

### L-ebda piena mingħajr liġi

1. Ħadd ma għandu jitqies li jkun ħati ta' reat kriminali minħabba f'xi att jew ommissjoni li ma kinux jikkostitwixxu reat kriminali skont liġi nazzjonali jew internazzjonali fil-ħin meta jkunu saru. Lanqas ma għandha tingħata piena akbar minn dik li kienet applikabbli fiż-żmien meta r-reat kriminali jkun sar.

2. Dan l-Artikolu ma għandux jippreġudika l-proċeduri u l-applikazzjoni tal-piena ta' xi persuna għal xi att jew ommissjoni li, fiż-żmien meta jkunu saru, kienu kriminali skont il-prinċipji ġenerali tal-liġi rikonoxxuti min-nazzjonijiet ċivilizzati.

## ARTIKOLU 8

### Id-dritt għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja

1. Kulħadd għandu d-dritt għar-rispett tal-ħajja privata tiegħu u tal-familja tiegħu, ta' daru u tal-korrispondenza tiegħu.

2. Ma għandux ikun hemm indħil minn awtorita` pubblika dwar l-eżerċizzju ta' dan id-dritt ħlief dak li jkun skont il-liġi u li jkun meħtieġ f 'soċjeta` demokratika fl-interessi tas-sigurta` nazzjonali, sigurta` pubblika jew il-ġid ekonomiku tal-pajjiż, biex jiġi evitat id-diżordni jew l-egħmil ta' delitti, għall-protezzjoni tas-saħħa jew tal-morali, jew għall-protezzjoni tad-drittijiet u l-libertajiet ta' ħaddieħor.

## ARTIKOLU 9

### Il-liberta` tal-ħsieb, kuxjenza, u reliġjon

1. Kulħadd għandu d-dritt għal-liberta' tal-ħsieb, kuxjenza u reliġjon; dan id-dritt jinkludi l-liberta` li jbiddel ir-reliġjon jew twemmin tiegħu u l-liberta`, sew waħdu kemm ma' oħrajn u pubblikament jew privatament, li juri r-reliġjon jew it-twemmin tiegħu, fil-qima, tagħlim, prattika u osservanza.



2. Il-liberta` li wieħed juri r-reliġjon jew it-twemmin tiegħu tkun suġġetta biss għal dawk il-limitazzjonijiet li jkunu preskritti b'liġi u li jkunu meħtieġa f'soċjeta` demokratika fl-interessi tas-sigurta` pubblika, għall-protezzjoni tal-ordni pubblika, tas-saħħa jew tal-morali, jew għall-protezzjoni tad-drittijiet u libertajiet ta' ħaddieħor.

## ARTIKOLU 10

### Il-liberta` ta' espressjoni

1. Kulħadd għandu d-dritt għal-liberta` ta' espressjoni. Dan id-dritt jinkludi l-liberta li jkollu opinjonijiet u li jirċievi u jagħti informazzjoni u ideat mingħajr indħil mill-awtorita` pubblika u mingħajr ma jittieħed kont ta' fruntieri. Dan l-Artikolu ma għandux jimpedixxi Stati milli jeħtieġu liċenzi għax-xandir, televiżjoni jew impriżi ċinematografiċi.

2. L-eżerċizzju ta' dawn il-libertajiet, billi jġib miegħu dmirijiet u responsabbiltajiet, jista' jkun suġġett għal dawk il-formalitajiet, kundizzjonijiet, restrizzjonijiet jew penali kif preskritti b'liġi u li jkunu meħtieġa f' soċjeta` demokratika, fl-interessi tas-sigurta` nazzjonali, integrita` territorjali jew sigurta` pubblika, biex jiġi evitat id-diżordni jew l-egħmil ta' delitti, għall- protezzjoni tas-saħħa jew tal-morali, għall-protezzjoni tar-reputazzjoni jew drittijiet ta' ħaddieħor, biex jiġi evitat il-kxif ta' informazzjoni riċevuta b'sigriet, jew biex tiġi miżmuma l-awtorita` u l-imparzjalita` tal-ġudikatura.

## ARTIKOLU 11

### Il-liberta` ta' assemblea u assoċjazzjoni

1. Kulħadd għandu d-dritt għal-liberta` ta' għaqda paċifika u għal-liberta` ta' assoċjazzjoni ma' oħrajn, inkluż id-dritt li wieħed jifforma u jidħol fi trade unions għall-protezzjoni tal-interessi tiegħu.

2. Ma għandu jkun hemm ebda restrizzjonijiet fuq l-eżerċizzju ta' dawn id-drittijiet ħlief dawk li jkunu preskritti b'liġi u li jkunu meħtieġa f'soċjeta` demokratika fl-interessi tas-sigurta` nazzjonali

jew tas-sigurta` pubblika, biex jiġi evitat id-diżordni jew l-egħmil ta' delitti, għall-protezzjoni tas-saħħa jew tal-morali jew għall-protezzjoni tad-drittijiet u l-libertajiet ta' ħaddieħor. Dan l- Artikolu ma għandux jimpedixxi l-imposizzjoni ta' restrizzjonijiet skont il-liġi fuq l-eżerċizzju ta' dawn id-drittijiet minn membri tal-Forzi Armati, tal-Pulizija jew tal-amministrazzjoni tal-Istat.

## ARTIKOLU 12

### Id-dritt taż-żwieġ

L-irġiel u n-nisa ta' eta` ta' żwieġ għandhom id-dritt li jiżżewġu u li jkollhom familja, skont il-liġijiet nazzjonali li jirregolaw l-eżerċizzju ta' dan id-dritt.

## ARTIKOLU 13

### Id-dritt għal rimedju effettiv

Kull min ikollu miksura d-drittijiet u l-libertajiet tiegħu kontemplati f'din il-Konvenzjoni għandu jkollu rimedju effettiv quddiem awtorita` nazzjonali għalkemm dak il-ksur ikun sar minn persuni li jkunu qed jaġixxu f'kariga uffiċjali.

## ARTIKOLU 14

### Projbizzjoni tad-diskriminazzjoni

It-tgawdija tad-drittijiet u libertajiet kontemplati f' din il-Konvenzjoni għandha tiġi assigurata mingħajr diskriminazzjoni għal kull raġuni bħalma huma s-sess, razza, kulur, lingwa, reliġjon, opinjoni politika jew opinjoni oħra, oriġini nazzjonali jew soċjali, assoċjazzjoni ma' minoranza nazzjonali, proprjeta`, twelid jew status ieħor.



## ARTIKOLU 15

### Deroga fi żmienijiet ta' emerġenza

1. Fi żmien ta' gwerra jew ta' emerġenza oħra pubblika li thedded il-ħajja tan-nazzjon kull Parti Għolja Kontraenti tista' tieħu miżuri li jnaqqsu l-obbligi tagħha skont il-Konvenzjoni safejn ikun rigorożament meħtieġ mill-eżiġenzi tas-sitwazzjoni, basta li dawk il-miżuri ma jkunux inkonsistenti ma' l-obbligi l-oħra tagħha skont il-liġi internazzjonali.

2. Ma għandha ssir bis-saħħa ta' din id-disposizzjoni ebda deroga mill-Artikolu 2 ħlief dwar imwiet li jirriżultaw minn atti leġittimi ta' gwerra, jew mill-Artikoli 3, 4 (paragrafu 1) u 7.

3. Kull Parti Għolja Kontraenti li tagħmel użu minn dan id-dritt ta' deroga għandha tinforma b'kollox lis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-miżuri li tkun ħadet u r raġunijiet tagħhom. Għandha wkoll tinforma lis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa meta dawk il-miżuri jkunu spiċċaw joperaw u d-disposizzjonijiet tal-Konvenzjoni jkunu qegħdin jerġgħu jiġu eżegwiti kompletament.

## ARTIKOLU 16

### Limitazzjonijiet fuq l-attivita` politika tal-barranin

Ebda ħaġa li hemm fl-Artikoli 10, 11 u 14 ma għandha tiftiehem li timpedixxi lill-Partijiet Għolja Kontraenti milli jimponu restrizzjonijiet fuq l-attivita` politika ta' barranin.

## ARTIKOLU 17

### Projbizzjoni tal-abbuż tad-drittijiet

Ebda ħaġa li hemm f 'din il-Konvenzjoni ma għandha tiġi interpretata li xi Stat, grupp jew persuna għandha xi dritt li tidħol f'xi attivita` jew tagħmel xi att maħsub biex jeqred xi wieħed mid-drittijiet u mil-libertajiet kontemplati f'din il-Konvenzjoni jew biex tillimitahom aktar minn dak provdut fil-Konvenzjoni.

## ARTIKOLU 18

### Limitazzjoni tal-użu tar-restrizzjonijiet għad-drittijiet

Ir-restrizzjonijiet permessi skont din il-Konvenzjoni għall-imsemmija drittijiet u libertajiet ma għandhomx jiġu applikati għal xi skop ieħor ħlief dawk li għalihom huma jkunu ġew preskritti.

# SEZZJONI II
# IL-QORTI EWROPEA
# TAD-DRITTIJIET TAL-BNIEDEM

## ARTIKOLU 19

### It-twaqqif tal-Qorti

Biex tiżgura l-osservanza tal-impenji meħudin mill-Partijiet Għolja Kontraenti fil-Konvenzjoni u l-Protokolli tagħha, għandha tiġi mwaqqfa Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, minn hawn il-quddiem imsejħa "il-Qorti". Il-Qorti għandha tiffunzjona fuq bażi permanenti.

## ARTIKOLU 20

### Numru ta' mħallfin

Il-Qorti għandha jkollha l-istess numru ta' mħallfin daqs kemm hemm Partijiet Għolja Kontraenti.

## ARTIKOLU 21

### Kriterji għall-ħatra

1. L-imħallfin għandhom ikunu ta' karattru morali għoli u għandhom jew ikollhom il-ħiliet meħtieġa għall-ħatra f'ufficċju ġudizzjarju għoli jew ikunu ġuriskonsulti ta' kompetenza rikonoxxuta.

2. L-imħallfin jisimgħu l-każijiet fil-Qorti fil-kapaċita` individwali tagħhom.

3. Matul il-mandat tagħhom l-imħallfin ma għandhomx jieħdu sehem fl-ebda attivita` li ma hijiex kompatibbli mal-indipendenza, l-imparzjalita` jew il-ħtiġijiet ta' ufficċju full-time; il-kwistjonijiet kollha marbutin mal-applikazzjoni ta' dan il paragrafu għandhom jiġu deċiżi mill-Qorti.

## ARTIKOLU 22

### Elezzjoni tal-imħallfin

Għar-rigward ta' kull Parti Għolja Kontraenti l-imħallfin għandhom jiġu eletti, b'maġġoranza tal-voti, mill-Assemblea Parlamentari minn lista ta' tlett kandidati nominati mill-Parti Għolja Kontraenti.

## ARTIKOLU 23

### Mandat u tkeċċija

1. L-imħallfin għandhom jiġu eletti għal perjodu ta' disgħa snin. Huma ma' jistgħux jerġu' jiġu eletti.

2. Il-mandat tal-imħallfin għandu jagħlaq meta jilħqu sebgħin sena.

3. L-imħallfin għandhom ikomplu fil-kariga sakemm jiġu sostitwiti. Madankollu, għandhom ikomplu jittrattaw il-każijiet li jkollhom f'idejhom f'dak il-mument.

4. L-ebda mħallef ma jista' jiġi mkeċċi mill-kariga sakemm l-imħallfin l-oħra ma jiddeċidux b'maġġoranza ta' żewġ terzi li hu ma għadux jissodisfa l-kondizzjonijiet meħtieġa.

## ARTIKOLU 24

### Ir-reġistru u r-relaturi

1. Il-Qorti għandha jkollha Reġistru, u l-funzjonijiet u l-organiżżazjoni tiegħu għandhom ikunu stabbiliti fir-regoli tagħha.

2. Meta l-Qorti tisma' każ f'formazzjoni ta'imħallef wieħed, hi għandha tkun assistita mir-relaturi li għandhom jaġixxu taħt l-awtorita` tal-President tal-Qorti. Huma għandhom jagħmlu parti mir-Reġistru tal-Qorti.

## ARTIKOLU 25

### Il-Qorti Plenarja

Il-Qorti plenarja għandha

(a) teleġġi l-President u wieħed jew żewġ Viċi-Presidenti għal perjodu ta' tlett snin; huma jistgħu jerġu' jiġu eletti;

(b) twaqqaf Kmamar, ikkostitwiti għal perjodu ta' żmien fiss;

(ċ) teleġġi l-Presidenti tal-Kmamar tal-Qorti; dawn jistgħu jerġu' jiġu eletti;

(d) taddotta r-regoli tal-Qorti;

(e) teleġġi r-Reġistratur u wieħed jew aktar Viċi-Reġistraturi;

(f) tagħmel kwalunkwe talba skont l-Artikolu 26, paragrafu 2.

## ARTIKOLU 26

### Formazzjoni b'imħallef wieħed, Kumitati, Kmamar u l-Kamra l-Kbira

1. Sabiex tikkonsidra l-każijiet li jinġiebu quddiemha, l-Qorti għandha tpoġġi f'formazzjoni b'imħallef wieħed, f'kumitati bi tlett imħallfin, f'Kmamar b'sebgħa mħallfin jew fil-Kamra l-Kbira bi sbatax-il imħallef. Il-Kmamar tal-Qorti għandhom iwaqqfu kumitati għal perijodu ta' żmien fiss.

2. Fuq talba tal-Qorti plenarja, il-Kumitat tal-Ministri jista', b'deċiżjoni unanima u għal perjodu fiss, inaqqas in-numru ta' mħallfin f'Kamra għal ħamsa.

3. Meta mħallef ipoġġi f'każ bħala mħallef singolu, ma għandux jeżamina applikazzjonijiet kontra l-Parti Għolja Kontraenti li ġie elett fir-rigward tagħha.

4. L-imħallef elett fir-rigward tal-Parti Għolja Kontraenti kkonċernata jpoġġi *ex-officio* fil-każ bħala membru tal-Kamra u tal-Kamra l-Kbira. Jekk dan l-imħallef mhux preżenti jew ma jistagħx jieħu sehem fil-każ, persuna oħra magħżula mill-President tal-Qorti minn lista ta' persuni sottomessa minn qabel minn din il-Parti għandha tpoġġi f'kapaċita` ta' mħallef.

5. Il-Kamra l-Kbira għandha tinkludi wkoll il-President tal-Qorti, l-Viċi-Presidenti, l-Presidenti tal-Kmamar u mħallfin oħra magħżulin skont ir-regoli tal-Qorti. Meta każ jiġi rinvjat lill-Kamra l-Kbira skont l-Artikolu 43, l-ebda mħallef membru tal-Kamra li tat il-sentenza ma għandu jpoġġi fil-Kamra l-Kbira, ħlief il-President tal-Kamra u l-imħallef li poġġa fir-rigward tal-Parti Għolja Kontraenti kkonċernata.

## ARTIKOLU 27

### Kompetenza tal-imħallfin singoli

1. Imħallef singolu jista' jiddikjara inammissibbli jew jikanċella mill-lista tal-każijiet tal-Qorti applikazzjoni mressqa skont l-Artikolu 34, jekk din tkun deċiżjoni li tista' tittieħed mingħajr eżami ulterjuri.

2. Din id-deċiżjoni tkun finali.

3. Jekk l-imħallef singolu ma' jiddikjarax applikazzjoni inammissibbli jew ma' jikkanċellaħiex mil-lista, l-istess imħallef għandu jibgħatha lil-Kumitat jew lil-Kamra għal eżami ulterjuri.

## ARTIKOLU 28

### Kompetenza tal-Kumitati

1. Fir-rigward ta' applikazzjoni mressqa skont l-Artikolu 34, kumitat jista', b'vot unanimu,

(a) jiddikjarha inammissibbli jew jikanċellaha mill-lista tal-każijiet, jekk din hi deċiżjoni li tista' tittieħed mingħajr eżami ulterjuri; jew

(b) jiddikjarha ammissibbli u fl-istess ħin jagħti sentenza fuq il-mertu, jekk il-kwistjoni ewlenija tal-każ, li tirrigwarda l-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni tal-Konvenzjoni jew tal-Protokolli tagħha, tkun diġa ġiet trattata fil-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti.

2. Id-deċiżjonijiet u s-sentenzi skont il-paragrafu 1 huma finali.

3. Jekk l-imħallef elett fir-rigward tal-Parti Għolja Kontraenti kkonċernata ma huwiex membru tal-kumitat, il-kumitat jista' fi kwalunkwe stadju tal-proċediment jistiednu biex jieħu post wieħed mill-membri tal-kumitat, wara li jkun ikkonsidra l-fatturi rilevanti kollha, inklus jekk dik il-Parti kkontestatx jew le l-applikazzjoni tal-proċedura skont il-paragrafu 1.b.

## ARTIKOLU 29

### Id-deċiżjonijiet tal-Kmamar dwar l-ammissibilita` u l-mertu

1. Jekk ma tkunx ittieħdet l-ebda deċiżjoni skont l-Artikolu 27 jew 28, jew l-ebda sentenza skont l-Artikolu 28, Kamra għandha tiddeċidi fuq l-ammissibilita` u l-mertu tal-applikazzjonijiet individwali mressqin skont l-Artikolu 34. Id-deċiżjoni fuq l-ammissibilita` tista' tittieħed separatament.

2. Kamra għandha tiddeċidi fuq l-ammissibilita` u l-mertu tal-applikazzjonijiet interstatali mressqin skont l-Artikolu 33. Id-deċiżjoni fuq l-ammissibilita` għandha tittieħed separatament sakemm il-Qorti, f'każijiet eċċezzjonali, ma tiddeċidix mod ieħor.



## ARTIKOLU 30

### Rinunzja ta' ġurisdizzjoni favur il-Kamra l-Kbira

Meta każ pendenti quddiem Kamra jqajjem kwistjoni serja li taffettwa l-interpretazzjoni tal-Konvenzjoni jew tal-Protokolli tagħha, jew meta s-soluzzjoni ta' kwistjoni quddiem il-Kamra jista' jkollha risultat mhux konsistenti ma' sentenza mogħtija preċedentement mill-Qorti, il-Kamra tista', fi kwalunkwe mument qabel ma tagħti s-sentenza, tirrinunzja l-ġurisdizzjoni favur il-Kamra l-Kbira, sakemm waħda mill-partijiet fil-każ ma toġġezzjonax.

## ARTIKOLU 31

### Setgħat tal-Kamra l-Kbira

Il-Kamra l-Kbira għandha

(a) tiddetermina l-applikazzjonijiet mressqin skont l-Artikolu 33 jew l-Artikolu 34 meta Kamra tkun irrinunzjat il-ġurisdizzjoni skont l-Artikolu 30 jew meta l-każ ikun ġie rinvjat lilha skont l-Artikolu 43;

(b) tiddeċidi kwistjonijiet rinvjati lill-Qorti mill-Kumitat tal-Ministri skont l-Artikolu 46, paragrafu 4; u

(ċ) tikkonsidra talbiet għal opinjonijiet konsultattivi mressqin skont l-Artikolu 47.

## ARTIKOLU 32

### Il-Ġurisdizzjoni tal-Qorti

1. Il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tkopri l-kwistjonijiet kollha li jirrigwardaw l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tal-Konvenzjoni u l-Protokolli tagħha li jiġu mressqin quddiemha skont id-disposizzjonijiet tal-Artikoli 33, 34, 46, u 47.

2. Fil-każ ta' kontroversja dwar jekk il-Qorti għandiex ġurisdizzjoni jew le, għandha tiddeċidi l-Qorti.

## ARTIKOLU 33

### Każijiet interstatali

Kull Parti Għolja Kontraenti tista' tressaq quddiem il-Qorti kwalunkwe allegazzjoni ta' ksur tad-disposizzjonijiet tal-Konvenzjoni u l-Protokolli tagħha minn Parti Għolja Kontraenti oħra.

## ARTIKOLU 34

### Applikazzjonijiet individwali

Il-Qorti tista' tirċievi applikazzjonijiet minn għand kwalunkwe persuna, organiżżazzjoni non-governattiva jew grupp ta' individwi li jsostnu li huma vittmi ta' ksur minn naħa ta' wieħed mill-Partijiet Għolja Kontraenti tad-drittijiet kif msemmija fil-Konvenzjoni jew fil-Protokolli tagħha. Il-Partijiet Għolja Kontraenti jimpenjaw ruħhom li ma jfixklux bl-ebda mod l-eżerċizzju effettiv ta' dan id-dritt.

## ARTIKOLU 35

### Kriterji ta' ammissibilita`

1. Il-Qorti tista' tittratta kwistjoni biss wara li r-rimedji nazzjonali kollha jkunu ġew eżawriti, skont ir-regoli generalment rikonoxxuti tal-liġi internazzjonali, u f'perjodu ta' sitt xhur mid-data tad-deċiżjoni finali.

2. Il-Qorti ma għandhiex tittratta l-ebda applikazzjoni mressqa skont l-Artikolu 34 li

(a) hi anonima; jew

(b) hi sostanzjalment l-istess bħal kwistjoni li diġa ġiet eżaminata mill-Qorti jew li diġa ġiet sottomessa għall-proċedura oħra ta' investigazzjoni jew soluzzjoni internazzjonali u ma fiha l-ebda informazzjoni ġdida rilevanti.



3. Il-Qorti għandha tiddikjara inammissibbli kwalunkwe applikazzjoni individwali mressqa skont l-Artikolu 34 jekk tikkonsidra li:

(a) l-applikazzjoni ma hijiex kompatibbli mad-disposizzjonijiet tal-Konvenzjoni jew tal-Protokolli tagħha, hi manifestament infondata, jew hi abbuż tad-dritt ta' applikazzjoni individwali; jew

(b) l-applikant ma' sofriex żvantaġġ sinjifikanti, sakemm ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem kif msemmijin fil-Konvenzjoni u l-Protokolli tagħha ma jeħtieġx eżami tal-applikazzjoni fuq il-mertu, premess li l-ebda każ li ma ġiex ikkonsidrat b'mod xieraq minn tribunal nazzjonali ma għandu jiġi rifjutat għal din ir-raġuni.

4. Il-Qorti għandha tirrifjuta kwalunkwe applikazzjoni li tikkonsidra inammissibbli skont dan l-Artikolu. Dan tista' tagħmlu fi kwalunkwe stadju tal-proċediment.

## ARTIKOLU 36

### Intervenzjoni ta' parti terza

1. Fil-każijiet kollha quddiem Kamra jew quddiem il-Kamra l-Kbira, Parti Kontraenti Għolja, li l-applikant jkun wieħed miċ-ċittadini tagħha, għandha d-dritt tissottometti kummenti bil-miktub u tieħu sehem fis-smigħ.

2. Il-President tal-Qorti jista', fl-interess tal-amministrazzjoni xierqa tal-ġustizzja, jistieden lil kwalunkwe Parti Għolja Kontraenti li m'hijiex parti fil-proċediment, jew lil kwalunkwe persuna kkonċernata li m'hijiex l-applikant, sabiex tissottometti kummenti bil-miktub jew tieħu sehem fis-smigħ.

3. Fil-każijiet kollha quddiem Kamra jew quddiem il-Kamra l-Kbira, il-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill tal-Ewropa jista' jissottometti kummenti bil-miktub u jieħu sehem fis-smigħ.

## ARTIKOLU 37

### Il-Kanċellazzjoni tal-applikazzjonijiet

1. Il-Qorti tista' fi kwalunkwe stadju tal-proċediment tiddeċidi tikanċella applikazzjoni mill-lista tal-każijiet fejn iċ-ċirkostanzi jwasslu għall-konklużjoni li

(a) l-applikant ma għandux intenzjoni jkompli l-applikazzjoni tiegħu; jew

(b) il-kwistjoni ġiet risolta; jew

(ċ) għal kwalunkwe raġuni oħra stabbilita mill-Qorti, ma jkunx aktar ġustifikat li titkompla l-eżami tal-applikazzjoni.

Madankollu, l-Qorti għandha tkompli l-eżami tal-applikazzjoni jekk ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem kif msemmijin fil-Konvenzjoni u l-Protokolli tagħha hekk jeħtieġ.

2. Il-Qorti tista' tiddeċidi terġa' ddaħħal applikazzjoni fil-lista tal-każijiet jekk tikkonsidra li ċ-ċirkostanzi jiġġustifikaw il-każ.

## ARTIKOLU 38

### Eżami tal-każ

Il-Qorti għandha teżamina l-każ flimkien mar-rappreżentanti tal-partijiet u, jekk ikun hemm bżonn, tibda investigazzjoni, u l-Partijiet Għolja Kontraenti kkonċernati għandhom jipprovdu l-faċilitajiet kollha neċessarji sabiex din titmexxa b'mod effettiv.

## ARTIKOLU 39

### Ftehim bonarju

1. Fi kwalunkwe stadju tal-proċediment, il-Qorti tista' tpoġġi ruħha għad-disposizzjoni tal-partijiet ikkonċernati sabiex jintlaħaq ftehim bonarju fuq il-kwistjoni abbażi tar-rispett għad-drittijiet tal-bniedem kif msemmijin fil-Konvenzjoni u l-Protokolli tagħha.



2. Il-proċedimenti mmexxija skont il-paragrafu 1 għandhom ikunu kunfidenzjali.

3. Jekk jintlaħaq ftehim bonarju, il-Qorti għandha tikanċella l-każ mill-lista permezz ta' deċiżjoni li tkun limitata għal dikjarazzjoni qasira tal-fatti u tal-ftehim milħuq.

4. Din id-deċiżjoni għandha tiġi trasmessa lill-Kumitat tal-Ministri, li għandu jissorvelja l-eżekuzzjoni tal-kondizzjonijiet tal-ftehim bonarju kif imsemmija fid-deċiżjoni.

## ARTIKOLU 40

### Smigħ pubbliku u aċċess għad-dokumenti

1. Is-smigħ għandhu jkun pubbliku sakemm il-Qorti ma tiddeċidix mod ieħor f'ċirkostanzi eċċezzjonali.

2. Id-dokumenti depożitati għand ir-Reġistratur għandhom ikunu aċċessibbli għall-pubbliku sakemm il-President tal-Qorti ma jiddeċidix mod ieħor.

## ARTIKOLU 41

### Soddisfazzjon xierqa

Jekk il-Qorti ssib li kien hemm ksur tal-Konvenzjoni jew tal-Protokolli tagħha, u jekk il-liġi interna tal-Parti Għolja Kontraenti kkonċernata tippermetti biss riparazzjoni parzjali, il-Qorti għandha tagħti s-soddisfazzjon xierqa lil-parti leża jekk ikun neċessarju.

## ARTIKOLU 42

### Is-sentenzi tal-Kmamar

Is-sentenzi tal-Kmamar isiru finali skont id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 44, paragrafu 2.

## ARTIKOLU 43

**Ir-rinviju lill-Kamra l-Kbira**

1. Matul perijodu ta' tlett xhur mid-data tas-sentenza tal-Kamra, f'każijiet eċċezzjonali, kwalunkwe parti fil-każ tista' titlob ir-rinviju tal-każ lill-Kamra l-Kbira.

2. Panel ta' ħames imħallfin tal-Kamra l-Kbira jaċċetta t-talba jekk il-każ iqajjem kwistjoni serja li taffettwa l-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni tal-Konvenzjoni jew tal-Protokolli tagħha, jew kwistjoni serja ta' importanza ġenerali.

3. Jekk il-panel jaċċetta t-talba, l-Kamra l-Kbira għandha tiddeċidi l-każ permezz ta' sentenza.

## ARTIKOLU 44

**Sentenzi finali**

1. Is-sentenza tal-Kamra l-Kbira għandha tkun finali.

2. Is-sentenza ta' Kamra għandha ssir finali
   (a) meta l-partijiet jiddikjaraw li mhux ser jitolbu li l-każ jiġi rinvjat lill-Kamra l-Kbira; jew
   (b) tlett xhur wara d-data tas-sentenza, jekk ma ġiex mitlub rinviju lill-Kamra l-Kbira; jew
   (ċ) meta l-panel tal-Kamra l-Kbira jirrifjuta t-talba ta' rinviju skont l-Artikolu 43.

3. Is-sentenza finali għandha tiġi ppubblikata.

## ARTIKOLU 45

**Ir-raġunijiet għas-sentenzi u għad-deċiżjonijiet**

1. Għandhom jingħataw raġunijiet għas-sentenzi kif ukoll għad-deċiżjonijiet li jiddikjaraw l-applikazzjonijiet ammissibbli jew inammissibbli.



2. Jekk sentenza ma tirrapreżentax, għal kollox jew parzjalment, l-opinjoni unanima tal-imħallfin, kwalunkwe mħallef għandu d-dritt jagħti opinjoni separata.

## ARTIKOLU 46

**Il-forza vinkolanti u l-eżekuzzjoni tas-sentenzi**

1. Il-Partijiet Għolja Kontraenti jimpenjaw ruħhom jirrispettaw is-sentenza finali tal-Qorti fi kwalunkwe każ li jkunu parti fih.

2. Is-sentenza finali tal-Qorti għandha tiġi trasmessa lill-Kumitat tal-Ministri, li għandu jissorvelja l-eżekuzzjoni tagħha.

3. Jekk il-Kumitat tal-Ministri jikkonsidra li s-superviżjoni tal-eżekuzzjoni ta' sentenza finali qed jiġi mxekkel b'xi problema ta' interpretazzjoni tas-sentenza, jista' jirreferi l-kwistjoni lill-Qorti sabiex tieħu deċiżjoni fuq tali interpretazzjoni. Deċiżjoni ta' riferenza teħtieġ vot ta' maġġoranza ta' żewġ terzi tar-rappreżentanti titolari tal-kumitat.

4. Jekk il-Kumitat tal-Ministri jikkonsidra li xi Parti Għolja Kontraenti tirrifjuta li tirrispetta s-sentenza finali f' każ li tkun parti fiħ, dan il-Kumitat, wara li jibgħat notifika formali lil dik il-Parti u permezz ta' deċiżjoni adottata b'vot ta' maġġoranza ta' żewġ terzi tar-rappreżentanti titolari tal-kumitat, jista' jirreferi lill-Qorti l-mistoqsija jekk din il-Parti naqsitx milli twettaq l-obbligu tagħha skont il-paragrafu 1.

5. Jekk il-Qorti ssib ksur tal-paragrafu 1, hi għandha tirreferi l-każ lill-Kumitat tal-Ministri sabiex jikkonsidra liema miżuri għandhom jittieħdu. Jekk il-Qorti ma ssib l-ebda ksur tal-paragrafu 1, hi għandha tirreferi l-każ lill-Kumitat tal-Ministri sabiex jagħlaq l-eżami tiegħu tal-każ.

## ARTIKOLU 47

### Opinjonijiet konsultattivi

1. Il-Qorti tista', fuq talba tal-Kumitat tal-Ministri, tagħti opinjonijiet konsultattivi fuq kwistjonijiet legali li jirrigwardaw l-interpretazzjoni tal-Konvenzjoni u l-Protokolli tagħha.

2. Dawn l-opinjonijiet m'għandhomx jittrattaw kwistjonijiet relatati mal-kontenut jew l-ambitu tad-drittijiet jew libertajiet kif msemmijin fis-Sezzjoni I tal-Konvenzjoni u tal-Protokolli tagħha, jew ma kwalunkwe kwistjoni oħra li l-Qorti jew il-Kumitat tal-Ministri jistgħu jkollhom bżonn jikkonsidraw bħala konsegwenza ta' kwalunkwe proċediment li jista' jiġi istitwit skont il-Konvenzjoni.

3. Id-deċiżjonijiet tal-Kumitat tal-Ministri sabiex tintalab opinjoni konsultattiva tal-Qorti jirrikjedu vot ta' maġġoranza tar-rappreżentanti titolari tal-kumitat.

## ARTIKOLU 48

### Ġurisdizzjoni konsultattiva tal-Qorti

Il-Qorti għandha tiddeċidi jekk talba għal opinjoni konsultattiva mressqa mill-Kumitat tal-Ministri taqax taħt il-kompetenza tagħha skont l-Artikolu 47.

## ARTIKOLU 49

### Raġunijiet għal opinjonijiet konsultattivi

1. Għandhom jingħataw ir-raġunijiet għal opinjonijiet konsultattivi tal-Qorti.

2. Jekk l-opinjoni konsultattiva ma tirrapreżentax, għal kollox jew parzjalment, l-opinjoni unanima tal-imħallfin, kwalunkwe mħallef għandu jkollu d-dritt jagħti opinjoni separata.

3. L-opinjonijiet konsultattivi tal-Qorti għandhom jiġu kkomunikati lill-Kumitat tal-Ministri.



## ARTIKOLU 50

### Infiq tal-Qorti

L-infiq tal-Qorti għandu jiġi mħallas mill-Kunsill tal-Ewropa.

## ARTIKOLU 51

### Il-Privileġġi u l-immunitajiet tal-imħallfin

L-imħallfin huma intitolati, matul l-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħhom, għall-privileġġi u l-immunitajiet skont l-Artikolu 40 tal-Istatut tal-Kunsill tal-Ewropa u l-ftehim magħmul fil-kuntest tiegħu.

# SEZZJONI III
# DISPOSIZZJONIJIET OĦRA

## ARTIKOLU 52

### Inkjesti minn għand is-Segretarju Ġenerali

Meta tirċievi talba minn għand is-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa, kull Parti Għolja Kontraenti għandha tipprovdi spjegazzjoni ta' kif il-liġi interna tagħha tassigura l-implementazzjoni effettiva ta' kwalunkwe disposizzjoni tal-Konvenzjoni.

## ARTIKOLU 53

### Is-salvagwardja tad-drittijiet tal-bniedem eżistenti

Xejn mill-kontenut ta' din il-Konvenzjoni ma għandu jiġi interpretat bħala limitazzjoni jew deroga minn kwalunkwe dritt tal-bniedem u libertajiet fondamentali li jistgħu jiġu ggarantiti skont il-liġijiet ta' kwalunkwe Parti Għolja Kontraenti jew kwalunkwe ftehim ieħor li hi tkun parti fih.

## ARTIKOLU 54

### Is-setgħat tal-Kumitat tal-Ministri

Xejn mill-kontenut ta' din il-Konvenzjoni ma għandu jippreġudika s-setgħat mogħtija lill-Kumitat tal-Ministri mill-Istatut tal-Kunsill tal-Ewropa.

## ARTIKOLU 55

### Esklużjoni ta' meżżi oħra ta' soluzzjoni tal-kontroversji

Il-Partijiet Għolja Kontraenti jaqblu li, ħlief bi ftehim speċjali, mhumiex ser jagħmlu użu tat-trattati, konvenzjonijiet jew dikjarazzjonijiet eżistenti bejnithom sabiex iressqu, permezz ta' petizzjoni, kontroversja dwar l-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni ta' din il-Konvenzjoni quddiem ebda meżż ta' soluzzjoni ieħor ħlief dawk previsti f'din il-Konvenzjoni.

## ARTIKOLU 56

### Applikazzjoni territorjalil

1. Kwalunkwe Stat jista', fil-mument tar-ratifika jew fi kwalunkwe mument wara, jiddikjara permezz ta' notifika indirizzata lis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa li l-Konvenzjoni għandha, bla ħsara għall-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu, tiġi estiża għal wieħed jew għat-territorji kollha li r-relazzjonijiet internazzjonali tagħhom jaqaw taħt ir-responsabbilta` ta' dan l-Istat.

2. Il-Konvenzjoni għandha tiġi estiża lit-territorju jew territorji msemmijin f'dik in-notifika mit-tletin jum wara li s-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa jkun irċeva n-notifika.

3. Madankollu, id-disposizzjonijiet ta' din il-Konvenzjoni għandhom japplikaw f'dawn it-territorji bi ħsieb għall-ħtiġijiet lokali.

4. Kwalunkwe Stat li jagħmel dikjarazzjoni skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jista' fi kwalunkwe mument jiddikjara f'isem wieħed jew aktar territorji li tirreferi għalihom d-dikjarazzjoni, li jaċċetta



l-kompetenza tal-Qorti sabiex tirċievi applikazzjonijiet minn għand individwi, organiżżazzjonijiet non-governattivi jew gruppi ta' individwi skont l-Artikolu 34 tal-Konvenzjoni.

## ARTIKOLU 57

### Riżervi

1. Kwalunkwe Stat, meta jiffirma din il-Konvenzjoni jew meta jiddepożita l-strument ta' ratifika tiegħu, jista' jagħmel riżerva fir-rigward ta' kwalunkwe disposizzjoni partikolari tal-Konvenzjoni minħabba li hemm liġi eżistenti f'dak il-mument fit-territorju tiegħu li ma tkunx konformi mad-disposizzjoni. Riżervi ta' karattru ġenerali m'humiex permessi skont dan l-Artikolu.

2. Kwalunkwe riżerva li ssir skont dan l-Artikolu għandha tinkludi deskrizzjoni qasira tal-liġi kkonċernata.

## ARTIKOLU 58

### Denunzja

1. Parti Għolja Kontraenti tista' tiddenunzja l-Konvenzjoni biss wara ħames snin mid-data li fiha tkun saret parti u b' avviż ta' sitt xhur kontenut f'notifika indirizzata lis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa, li mbgħad jinforma lill-Partijiet Għolja Kontraenti l-oħra.

2. Din id-denunzja m'għandhiex l-effett li teħles lil-Parti Għolja Kontraentiikkonċernata mill-obbligi tagħha skont din il-Konvenzjoni fir-rigward ta' atti li setgħu jikkostitwixxu ksur ta' dawn l-obbligi, u ġew mwettqa qabel id-data li fiha d-denunzja saret effettiva.

3. Kwalunkwe Parti Għolja Kontraenti li ma tibqax membru tal-Kunsill tal-Ewropa għandha tieqaf milli tkun Parti f'din il-Konvenzjoni bl-istess kondizzjonijiet.

4. Il-Konvenzjoni tista' tiġi denunzjata skont id-disposizzjonijiet tal-paragrafi preċedenti fir-rigward ta' kwalunkwe territorju li għalih kien ġie ddikjarat li testendi l-Konvenzjoni skont il-kondizzjonijiet tal-Artikolu 56.

## ARTIKOLU 59

**Firma u ratifika**

1. Din il-Konvenzjoni għandha tiġi miftuħa għall-firma tal-membri tal-Kunsill tal-Ewropa. Għandha tiġi ratifikata. Ir-ratifiki għandhom jiġu depożitati għand is-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa.

2. L-Unjoni Ewropea tista' taċċedi għal din il-Konvenzjoni.

3. Din il-Konvenzjoni għandha tidħol fis-seħħ wara li jkunu ġew depożitati għaxar strumenti ta' ratifika.

4. Rigward xi firmatarju li jirratifika aktar tard, il-Konvenzjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data li fiha jkun ġie depożitat l-istrument ta' ratifika.

5. Is-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa għandu jinnotifika l-membri kollha tal-Kunsill tal-Ewropa dwar id-dħul fis-seħħ tal-Konvenzjoni, l-ismijiet tal-Partijiet Għolja Kontraenti li rratifikawha, u d-depożitu tal-istrumenti kollha ta' ratifika li jistgħu jiġu effettwati sussegwentement.

MAGĦMUL F'RUMA DAN IR-RABA' JUM TA NOVEMBRU 1950, bl-Ingliż u l-Franċiż, biż-żewġ testi ugwalment awtentiċi, b-kopja waħda li għandha tibqa depożitata fl-arkivji tal-Kunsill tal-Ewropa. Is-Segretarju Ġenerali għandu jittrażmetti kopji autentikati lil kull wieħed mill-firmatarji.



# Protokoll Nru 1

## għall-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fondamentali

Pariġi, 20.III.1952

PERESS LI L-GVERNIJIET FIRMATARJI TA' DIN IL-KONVENZJONI, huma membri tal-Kunsill tal-Ewropa,

Peress li huma deċiżi jieħdu passi biex jiżguraw l-infurzar kollettiv ta' ċerti drittijiet u libertajiet barra minn dawk diġa inklużi fis-Sezzjoni I tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fondamentali ffirmata f'Ruma l-erbgħa ta' Novembru 1950 (minn hawn il-quddiem imsejħa "il-Konvenzjoni"),

Ftehmu kif ġej:

## ARTIKOLU 1

**Il-protezzjoni tal-proprjeta`**

Kull persuna naturali jew persuna morali għandha dritt għat-tgawdija paċifika tal-possedimenti tagħha. Ħadd ma għandu jiġi pprivat mill-possedimenti tiegħu ħlief fl-interess pubbliku u bla ħsara għal-kundizzjonijiet provduti bil-liġi u bil-prinċipji ġenerali tal-liġi internazzjonali.

Iżda d-disposizzjonijiet ta' qabel ma għandhom b'ebda mod inaqqsu d-dritt ta' Stat li jwettaq dawk il-liġijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-użu ta' proprjeta` skont l-interess ġenerali jew biex jiżgura l-ħlas ta' taxxi jew kontribuzzjonijiet oħra jew pieni.

## ARTIKOLU 2

### Id-dritt għall-edukazzjoni

Ħadd ma għandu jiġi pprivat mid-dritt għall-edukazzjoni. Fl-eżerċizzju ta' kull funzjoniji li jassumi dwar edukazzjoni u tagħlim, l-Istat għandu jirrispetta d-dritt tal-ġenituri li jiżguraw dik l-edukazzjoni u dak it-tagħlim in konformita` mal-konvinzjonijiet tagħhom reliġjużi u filosofiċi.

## ARTIKOLU 3

### Id-dritt għall-elezzjonijiet ħielsa

Il-Partijiet Għolja Kontraenti jobbligaw ruħhom li jżommu elezzjonijiet liberi f'intervalli xierqa b' votazzjoni sigrieta, taħt kundizzjonijiet li jiżguraw l-espressjoni libera tal-opinjoni tal-poplu fl-għażla tal-leġislatura.

## ARTIKOLU 4

### Applikazzjoni territorjali

Kull Parti Għolja Kontraenti tista' fil-mument tal-firma jew ratifika jew fi kwalunkwe mument ieħor tikkomunika lis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa dikjarazzjoni li tgħid safejn timpenja ruħha li d-disposizzjonijiet ta' dan il-Protokoll għandhom japplikaw għal dawk it-territorji li għar-relazzjonijiet internazzjonali tagħhom hija responsabbli u li huma msemmijin fl-istess dikjarazzjoni.

Kwalunkwe Parti Għolja Kontraentil i kkomunikat dikjarazzjoni skont il-paragrafu preċedenti tista' meta jkun hemm bżonn tikkomunika dikjarazzjoni ulterjuri sabiex tbiddel il-kondizzjonijiet ta' dikjarazzjoni preċedenti jew biex ittemm l-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet ta' dan il-Protokoll fir-rigward ta' kwalunkwe territorju.

Dikjarazzjoni li tkun saret skont dan l-Artikolu għandha tiġi kkonsidrata magħmula skont il-paragrafu 1 tal-Artikolu 56 tal-Konvenzjoni.



## ARTIKOLU 5

### Relazzjoni mal-Konvenzjoni

Il-Partijiet Għolja Kontraenti jikkonsidraw id-disposizzjonijiet tal-Artikoli 1, 2, 3 u 4 ta' dan il-Protokoll bħala Artikoli addizzjonali għall-Konvenzjoni u d-disposizzjonijiet kollha tal-Konvenzjoni għandhom japplikaw b'konsegwenza ta' dan.

## ARTIKOLU 6

### Firma u ratifika

Dan il-Protokoll għandu jkun miftuħ għall-firma tal-membri tal-Kunsill tal-Ewropa, li huma l-firmatarji tal-Konvenzjoni; għandu jiġi rratifikat fl-istess żmien jew wara li tiġi rratifikata l-Konvenzjoni. Dan il-Protokoll għandu jidħol fis-seħħ wara li jkunu ġew depożitati għaxar strumenti ta' ratifika. Rigward firmatarju li jirratifika sussegwentement, il-Protokoll għandu jidħol fis-seħħ fid-data li fiha jkun ġie depożitat l-strument ta' ratifika.

L-istrumenti ta' ratifika għandhom jiġu depożitati għand is-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa, li mbgħad jinnotifika lill-membri kollha bl-ismijiet ta' dawk kollha li rratifikaw.

MAGĦMUL F'PARIĠI DAN L-GĦOXRIN JUM TA' MARZU 1952, bl-Ingliż u l-Franċiż, biż-żewġ testi ugwalment awtentiċi, b'kopja waħda li għandha tibqa` depożitata fl-arkivji tal-Kunsill tal-Ewropa. Is-Segretarju Ġenerali għandu jittrażmetti kopji autentikati lil kull wieħed mill-gvernijiet firmatarji.

# Protokoll Nru 4

## għall-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fondamentali li tassigura ċerti drittijiet u libertajiet barra minn dawk diġa inklużi fil-Konvenzjoni u fl-Ewwel Protokoll tagħha

Strasbourg, 16.IX.1963

PERESS LI L-GVERNIJIET FIRMATARJI TA' DIN IL-KONVENZJONI, huma membri tal-Kunsill tal-Ewropa,

Peress li huma deċiżi jieħdu passi biex jiżguraw l-infurzar kollettiv ta' ċerti drittijiet u libertajiet barra minn dawk diġa inklużi fis-Sezzjoni I tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fondamentali ffirmata f'Ruma l-erbgħa ta' Novembru 1950 (minn hawn il-quddiem imsejħa "il-Konvenzjoni"), u fl-Artikoli 1 sa 3 ta' l-Ewwel Protokoll għall-Konvenzjoni, iffirmat f'Pariġi fl-għoxrin ta' Marzu 1952,

Ftehmu kif ġej:

### ARTIKOLU 1

**Projbizzjoni ta' priġunerija għal dejn**

Ħadd ma għandu jiġi pprivat mil-liberta` tiegħu unikament minħabba fl-inkapaċita` tiegħu li jwettaq obbligazzjoni kuntrattwali.



### ARTIKOLU 2

**Liberta ta' moviment**

1. Kull min ikun b'mod leġittimu fil-limiti tat-territorju ta' xi Stat għandu, fil-limiti ta' dak it-territorju, ikollu d-dritt għal-liberta` ta' moviment u l-liberta` li jagħżel ir-residenza tiegħu.

2. Kulħadd ikun liberu li jitlaq minn xi pajjiż, inkluż dak tiegħu nnifsu.

3. Ma għandhom jitqegħdu ebda restrizzjonijiet fuq l-eserċizzju ta' dawn id-drittijiet ħlief dawk li jkunu skont il-liġi u li jkunu meħtieġa f'soċjeta` demokratika f' kull interess tas-sigurta` nazzjonali jew tas-sigurezza pubblika, għaż-żamma tal-ordni pubbliku, għall-prevenzjoni ta' reati, għall-protezzjoni tas-saħħa jew tal-morali, jew għall-protezzjoni tad-drittijiet u l-libertajiet tal-oħrajn.

4. Id-drittijiet stipulati fil-paragrafu 1 jistgħu jkunu wkoll suġġetti, f'arei partikolari, għal restrizzjonijiet imposti skont il-liġi u li jkunu ġustifikati bl-interess pubbliku f'soċjeta` demokratika.

### ARTIKOLU 3

**Projbizzjoni ta' tkeċċija ta' ċittadini**

1. Ħadd ma għandu jiġi mkeċċi, minħabba jew xi miżura individwali jew xi waħda kollettiva, mit-territorju tal-Istat li jkun ċittadin tiegħu.

2. Ħadd ma għandu jiġi pprivat mid-dritt li jidħol fit-territorju tal-Istat li jkun ċittadin tiegħu.

### ARTIKOLU 4

**Projbizzjoni ta' tkeċċija kollettiva ta' frustieri**

It-tkeċċija kollettiva ta' frustieri hija pprojbita.

## ARTIKOLU 5

### Applikazzjoni territorjalil

1. Kull Parti Għolja Kontraenti tista', fil-mument tal-firma jew ratifika ta' dan il-Protokoll, jew fi kwalunkwe mument ieħor, tikkomunikka lis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa dikjarazzjoni li tgħid safejn timpenja ruħha li d-disposizzjonijiet ta' dan il-Protokoll għandhom japplikaw għal dawk it-territorji li għar-relazzjonijiet internazzjonali tagħhom hija responsabbli u li huma msemmijin fl-istess dikjarazzjoni.

2. Kwalunkwe Parti Għolja Kontraenti li kkomunikat dikjarazzjoni skont il-paragrafu preċedenti tista' meta jkun hemm bżonn tikkomunika dikjarazzjoni ulterjuri sabiex tbiddel il-kondizzjonijiet ta' dikjarazzjoni preċedenti jew biex ittemm l-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet ta' dan il-Protokoll fir-rigward ta' kwalunkwe territorju.

3. Dikjarazzjoni li tkun saret skont dan l-Artikolu għandha tiġi kkonsidrata magħmula skont il-paragrafu 1 tal-Artikolu 56 tal-Konvenzjoni.

4. It-territorju ta' kwalunkwe Stat li għalih japplika dan il-Protokoll minħabba ratifika jew aċċettazzjoni minn l-istess Stat, u kull territorju li għalih japplika dan il-Protokoll minħabba dikjarazzjoni mill-istess Stat skont dan l-Artikolu, għandhom jiġu trattati bħala territorji separati mit-territorju tal-Istat għall-għan tar-referenzi fl'Artikoli 2 u 3.

5. Kwalunkwe Stat li għamel dikjarazzjoni skont il-paragrafu 1 jew 2 ta' dan l-Artikolu jista' fi kwalunkwe mument jiddikjara f'isem wieħed jew aktar territorji li tirreferi għalihom id-dikjarazzjoni, li jaċċetta l-kompetenza tal-Qorti sabiex tirċievi applikazzjonijiet minn għand individwi, organiżżazzjonijiet non-governattivi jew gruppi ta' individwi skont l-Artikolu 34 tal-Konvenzjoni fir-rigward ta' xi uħud mill-Artikoli jew l-Artikoli kollha minn 1 sa 4 ta' dan il-Protokoll.



## ARTIKOLU 6

### Relazzjoni mal-Konvenzjoni

Il-Partijiet Għolja Kontraenti jikkonsidraw id-disposizzjonijiet tal-Artikoli 1 sa 5 ta' dan il-Protokoll bħala Artikoli addizzjonali għall-Konvenzjoni u d-disposizzjonijiet kollha tal-Konvenzjoni għandhom japplikaw b'konsegwenza ta' dan.

## ARTIKOLU 7

### Firma u ratifika

1. Dan il-Protokoll għandu jkun miftuħ għall-firma tal-membri tal-Kunsill tal-Ewropa li huma l-firmatarji tal-Konvenzjoni; għandu jiġi rratifikat fl-istess żmien jew wara li tiġi rratifikata l-Konvenzjoni. Dan il-Protokoll għandu jidħol fis-seħħ wara li jkunu ġew depożitati ħames strumenti ta' ratifika. Rigward firmatarju li jirratifika sussegwentement, il-Protokoll għandu jidħol fis-seħħ fid-data li fiha jkun ġie depożitat l-strument ta' ratifika.

2. L-istrumenti ta' ratifika għandhom jiġu depożitati għand is-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa, li mbgħad jinnotifika lill-membri kollha bl-ismijiet ta' dawk kollha li rratifikaw.

B'xhieda ta' dan il-firmatarji, awtoriżżati kif xieraq, iffirmaw dan il-Protokoll.

MAGĦMUL FI STRASBOURG, DAN IS-SITTAX IL-JUM TA' SETTEMBRU 1963, bl-Ingliż u l-Franċiż, biż-żewġ testi jkollhom awtorita` ndaqs, b'kopja waħda li għandha tibqa depożitata fl-arkivji tal-Kunsill tal-Ewropa. Is-Segretarju Ġenerali għandu jittrażmetti kopji autentikati lil kull wieħed mill-istati firmatarji.

# Protokoll Nru 6

## għall-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fondamentali dwar l-Abolizzjoni tal-Piena tal-Mewt

Strasbourg, 28.IV.1983

L-ISTATI MEMBRI TAL-KUNSILL TAL-EWROPA, firmatarji ta' dan il-Protokoll għall-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fondamentali, iffirmata f'Ruma fl-erbgħa ta' Novembru 1950 (minn hawn il-quddiem imsejħa "il-Konvenzjoni"),

Peress li l-evoluzzjoni li seħħet f'bosta Stati membri tal-Kunsill tal-Ewropa tesprimi tendenza ġenerali affavur tal-abolizzjoni tal-piena tal-mewt;

Ftehmu kif ġej:

### ARTIKOLU 1

#### Abolizzjoni tal-piena tal-mewt

Il-piena tal-mewt għandha tkun abolita. Ħadd ma għandu jiġi kkundannat għal dik il-piena jew titneħħilu ħajtu.

### ARTIKOLU 2

#### Il-piena tal-mewt fi żmien il-gwerra

Stat jista' jipprovdi fil-liġi tiegħu li jkun hemm il-piena tal-mewt dwar dawk l-attijiet li jsiru fi żmien il-gwerra jew ta' theddida imminenti ta' gwerra; dik il-piena għandha tingħata biss fl-istanzi stipulati fil-liġi u skont id-disposizzjonijiet relattivi. L-Istat għandu jikkomunika lis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa d-disposizzjonijiet rilevanti ta' dik il-liġi.

### ARTIKOLU 3

#### Projbizzjoni ta' derogi

Ma għandha ssir l-ebda deroga skont l-Artikolu 15 tal-Konvenzjoni mid-disposizzjonijiet ta' dan il-Protokoll.

### ARTIKOLU 4

#### Projbizzjoni ta' riżervi

L-ebda riżerva ma tista' ssir skont l-Artikolu 57 tal-Konvenzjoni fir-rigward tad-disposizzjonijiet ta' dan il-Protokoll.

### ARTIKOLU 5

#### Applikazzjoni territorjalil

1. Kwalunkwe Stat jista', fil-mument tal-firma jew meta jiddepożita l-istrument ta' ratifika, aċċettazzjoni jew approvazzjoni tiegħu, jispeċifika t-territorju jew territorji li għalihom ser japplika dan il-Protokoll.

2. Kwalunkwe Stat jista' fi kwalunkwe mument ieħor, b'dikjarazzjoni indirizzata lis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa, jestendi l-applikazzjoni ta' dan il-Protokoll għal kwalunkwe territorju ieħor speċifikat fid-dikjarazzjoni. Fir-rigward ta' dan it-territorju l-Protokoll għandu jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tax-xahar ta' wara d-data li fiha s-Segretarju Ġenerali jkun irċeva d-dikjarazzjoni.

3. Kwalunkwe dikjarazzjoni magħmula skont iż-żewġ paragrafi preċedenti tista', fir-rigward ta' kwalunkwe territorju speċifikat fl-istess dikjarazzjoni, tiġi rtirata b'notifika indirizzata lis-Segretarju Ġenerali. L-irtirar għandu jsir effettiv fl-ewwel jum tax-xahar ta' wara d-data li fiha s-Segretarju Ġenerali jkun irċeva n-notifika.

## ARTIKOLU 6

### Relazzjoni mal-Konvenzjoni

L-Istati Parti jikkonsidraw id-disposizzjonijiet tal-Artikoli 1 sa 5 ta' dan il-Protokoll bħala Artikoli addizzjonali għall-Konvenzjoni u d-disposizzjonijiet kollha tal-Konvenzjoni għandhom japplikaw b'konsegwenza ta' dan.

## ARTIKOLU 7

### Firma u ratifika

Il-Protokoll għandu jkun miftuħ għall-firma tal-Istati Membri tal-Kunsill tal-Ewropa, firmatarji tal-Konvenzjoni. Huwa għandu jkun soġġett għal ratifika, aċċettazzjoni jew approvazzjoni. Stat membru tal-Kunsill tal-Ewropa ma jistagħx jirratifika, jaċċetta jew japprova dan il-Protokoll sakemm ma jkunx fl-istess ħin jew qabel irratifika l-Konvenzjoni. L-istrumenti ta' ratifika, aċċettazzjoni jew approvazzjoni għandhom jiġu depożitati għand is-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa.

## ARTIKOLU 8

### Dħul fis-seħħ

1. Dan il-Protokoll għandu jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tax-xahar ta' wara d-data li fiha ħames Stati membri tal-Kunsill tal-Ewropa jkunu esprimew il-kunsens tagħhom li jintrabtu bil-Protokoll skont id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 7.

2. Fir-rigward ta' kwalunkwe Stat membru li jesprimi l-kunsens tiegħu sussegwentement, il-Protokoll għandu jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tax-xahar ta' wara d-data li fiha ġie depożitat l-istrument ta' ratifika, aċċettazzjoni jew approvazzjoni.



## ARTIKOLU 9

### Funzjonijiet ta' depożitarju

Is-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa għandu jinnotifika lil-Istati membri tal-Kunsill dwar:

(a) kull firma;

(b) id-depożitu ta' kull strument ta' ratifika, aċċettazzjoni jew approvazzjoni;

(ċ) kull data ta' dħul fis-seħħ ta' dan il-Protokoll skont l-Artikoli 5 u 8;

(d) kull att ieħor, notifika jew komunikazzjoni relatati ma dan il-Protokoll.

B'xhieda ta' dan il-firmatarji, awtorizzati kif xieraq, iffirmaw dan il-Protokoll.

MAGĦMUL FI STRASBOURG, DAN IT-TMIENJA U GĦOXRIN JUM TA' APRIL 1983, bl-Ingliż u l-Franċiż, biż-żewġ testi ugwalment awtentiċi, b'kopja waħda li għandha tiġi depożitata fl-arkivji tal-Kunsill tal-Ewropa. Is-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa għandu jittrażmetti kopji autentikati lil kull Stat membru tal-Kunsill tal-Ewropa.

# Protokoll Nru 7

## għall-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fondamentali

Strasbourg, 22.XI.1984

L-ISTATI MEMBRI TAL-KUNSILL TAL-EWROPA, firmatarji,

Peress li huma deċiżi jieħdu passi ulterjuri biex jiżguraw l-infurzar kollettiv ta' ċerti drittijiet u libertajiet permezz tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fondamentali ffirmata f'Ruma l-erbgħa ta' Novembru 1950 (minn hawn il-quddiem imsejħa "il-Konvenzjoni"),

Ftehmu kif ġej:

### ARTIKOLU 1

**Salvagwardji proċedurali li għandhom x'jaqsmu mat-tkeċċija ta' frustieri**

1. Frustier li jkun b'mod leġittimu residenti fit-territorju ta' xi Stat ma għandux jiġi mkeċċi minn dak l-Istat ħlief b'konsegwenza ta' xi deċiżjoni magħmula skont il-liġi u għandu jkun permess:

(a) li jippreżenta r-raġunijiet tiegħu għaliex ma għandux jitkeċċa,

(b) li jkollu l-każ tiegħu rivedut, u

(ċ) li jkun rappreżentat għal dawn ir-raġunijiet quddiem l-awtorita` kompetenti jew xi persuna jew persuni li jiġu msemmija minn dik l-awtorita`.



2. Frustier jista' jiġi mkeċċi qabel ma jwettaq id-drittijiet tiegħu taħt paragrafu 1 a, b u ċ ta' dan l-artikolu, meta dik it-tkeċċija tkun meħtieġa fl-interess tal-ordni pubbliku jew tkun imsejjsa fuq raġunijiet ta' sigurta` nazzjonali.

### ARTIKOLU 2

**Dritt ta' appell f'materji kriminali**

1. Kull min jinsab ħati ta' reat kriminali minn xi tribunal ikollu d-dritt li dak is-sejbien ta' ħtija jew dik is-sentenza jiġu rivisti minn tribunal ogħla. L-eserċizzju ta' dan id-dritt, inklużi r-raġunijiet abbażi ta' dak l-eserċizzju, għandhom ikunu regolati bil-liġi.

2. Dan id-dritt jista' jkun suġġett għal eċċezzjonijiet dwar reati ta' xorta minuri, skont ma jkunu preskritti bil-liġi, jew f'każijiet li fihom il-persuna involuta tkun ġiet ipproċessata fl-ewwel istanza mill-ogħla tribunal jew tkun instabet ħatja wara appell kontra l-liberazzjoni.

### ARTIKOLU 3

**Kumpens għal sejbien ta' ħtija mhux kif imiss**

Meta persuna tkun b'deċiżjoni finali nstabet ħatja ta' reat kriminali u meta sussegwentement s-sejbien tagħha ta' ħtija jkun ġie rivertit, jew tkun ingħatat il-maħfra, minħabba f'li xi fatt ġdid jew li jkun għadu kemm ġie mikxuf ikun juri konkluživament li kien hemm nuqqas ta' ġustizzja magħmula mill-qorti, il-persuna li tkun ġarrbet il-piena bħala riżultat ta' dak is-sejbien ta' ħtija għandha tingħata kumpens skont il-liġi jew il-prattika tal-Istat inkwistjoni, kemm-il darba ma tinġiebx prova li n-nuqqas ta' żvelar tal-fatt mhux konoxxut fil-ħin ikun għal kollox jew f'parti minnu attribwibbli għal dik l-istess persuna.

## ARTIKOLU 4

### Id-dritt li persuna ma tiġix ipproċessata jew ikkastigata darbtejn

1. Ħadd ma jista' jkun ipproċessat jew jerġa' jiġi kkastigat għal darb'oħra fi proċedimenti kriminali taħt il-ġurisdizzjoni tal-istess Stat għal xi reat li dwaru jkun diġa` ġie finalment liberat jew misjub ħati skont il-liġi u l-proċedura penali ta' dak l-Istat.

2. Id-disposizzjonijiet tal-paragrafu preċedenti ma għandhomx iżommu milli l-każ jerġa' jinfetaħ skont il-liġi u l-proċedura penali tal-Istat inkwistjoni, jekk ikun hemm provi ta' xi fatti ġodda jew li jkunu għadhom kif ġew żvelati, jew inkella jekk ikun ħemm xi vizzju fondamentali fil-proċedimenti ta' qabel, li jista' jkollhom effett fuq kif jiżvolġi l-każ.

3. Ebda deroga minn dan l-artikolu ma għandha ssir taħt l-artikolu 15 tal-Konvenzjoni.

## ARTIKOLU 5

### Ugwaljanza bejn il-konjuġi

Il-konjuġi għandhom igawdu ugwaljanza fid-drittijiet u r-responsabbiltajiet ta' xorta tad-dritt privat bejniethom, u fir-relazzjonijiet tagħhom ma' uliedhom, qabel iż-żwieġ, matul iż-żwieġ u fil-każ tax-xoljiment tiegħu. Dan l-artikolu ma jżommx lill-Istati milli jieħdu dawk il-miżuri li huma meħtieġa fl-interess tal-ulied.

## ARTIKOLU 6

### Applikazzjoni territorjalil

1. Kwalunkwe Stat jista' fil-mument tal-firma jew meta jiddepożita l-istrument ta' ratifika, aċċettazzjoni jew approvazzjoni, jispeċifika t-territorju jew territorji li għalihom il-Protokoll għandu japplika, u jiddikjara safejn jimpenja ruħhu li d-disposizzjonijiet ta' dan il-Protokoll għandhom japplikaw lil dan it-territorju jew territorji.



2. Kwalunkwe Stat jista' fi kwalunkwe mument ieħor, b'dikjarazzjoni indirizzata lis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa, jestendi l'applikazzjoni ta' dan il-Protokoll għal kwalunkwe territorju ieħor speċifikat fid-dikjarazzjoni. Fir-rigward ta' dan it-territorju l-Protokoll għandu jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tax-xahar wara li jkunu għaddew xahrejn mid-data li fiha s-Segretarju Ġenerali jkun irċeva d-dikjarazzjoni.

3. Kwalunkwe dikjarazzjoni magħmula skont iż-żewġ paragrafi preċedenti tista', fir-rigward ta' kwalunkwe territorju speċifikat fl-istess dikjarazzjoni, tiġi rtirata jew mibdula b'notifika indirizzata lis-Segretarju Ġenerali. L-irtirar jew bidla għandhom isiru effettivi fl-ewwel jum tax-xahar wara li jkunu għaddew xahrejn mid-data li fiha s-Segretarju Ġenerali jkun irċeva n-notifika.

4. Dikjarazzjoni li tkun saret skont dan l-Artikolu għandha tiġi kkonsidrata magħmula skont il-paragrafu 1 tal-Artikolu 56 tal-Konvenzjoni.

5. It-territorju ta' kwalunkwe Stat li għalih japplika dan il-Protokoll minħabba r-ratifika, aċċettazzjoni jew approvazzjoni minn l-istess Stat, u kull territorju li għalih japplika dan il-Protokoll minħabba dikjarazzjoni mill-istess Stat skont dan l-Artikolu, jistgħu jiġu trattati bħala territorji separati mit-territorju tal-Istat għall-għan tar-referenza fl'Artikolu 1.

6. Kwalunkwe Stat li għamel dikjarazzjoni skont il-paragrafu 1 jew 2 ta' dan l-Artikolu jista' fi kwalunkwe mument jiddikjara f'isem wieħed jew aktar territorji li tirreferi għalihom d-dikjarazzjoni, li jaċċetta l-kompetenza tal-Qorti sabiex tirċievi applikazzjonijiet minn għand individwi, organiżżazzjonijiet non-governattivi jew gruppi ta' individwi skont l-Artikolu 34 tal-Konvenzjoni fir-rigward tal-Artikoli 1 sa 5 ta' dan il-Protokoll.

## ARTIKOLU 7

### Relazzjoni mal-Konvenzjoni

L-Istati Parti jikkonsidraw id-disposizzjonijiet tal-Artikoli 1 sa 6 ta' dan il-Protokoll bħala Artikoli addizzjonali għall-Konvenzjoni u d-disposizzjonijiet kollha tal-Konvenzjoni għandhom japplikaw b'konsegwenza ta' dan.

## ARTIKOLU 8

### Firma u ratifika

Il-Protokoll għandu jkun miftuħ għall-firma tal-Istati Membri tal-Kunsill tal-Ewropa li ffirmaw il-Konvenzjoni. Huwa soġġett għal ratifika, aċċettazzjoni jew approvazzjoni. Stat membru tal-Kunsill tal-Ewropa ma jistagħx jirratifika, jaċċetta jew japprova dan il-Protokoll sakemm ma jkunx qabel jew fl-istess ħin irratifika l-Konvenzjoni. L-istrumenti ta' ratifika, aċċettazzjoni jew approvazzjoni għandhom jiġu depożitati għand is-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa.

## ARTIKOLU 9

### Dħul fis-seħħ

1. Dan il-Protokoll għandu jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tax-xahar wara li jkunu għaddew xahrejn mid-data li fiha sebgħa Stati membri tal-Kunsill tal-Ewropa jkunu esprimew il-kunsens tagħhom li jintrabtu bil-Protokoll skont id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 8.

2. Fir-rigward ta' kwalunkwe Stat membru li jesprimi l-kunsens tiegħu sussegwentement, il-Protokoll għandu jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tax-xahar wara li jkunu għaddew xahrejn mid-data li fiha ġie depożitat l-strument ta' ratifika, aċċettazzjoni jew approvazzjoni.



## ARTIKOLU 10

### Funzjonijiet ta' depożitarju

Is-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa għandu jinnotifika lil-Istati membri kollha tal Kunsill dwar:

(a) kull firma;

(b) id-depożitu ta' kull strument ta' ratifika, aċċettazzjoni jew approvazzjoni;

(ċ) kull data ta' dħul fis-seħħ ta' dan il-Protokoll skont l-Artikoli 6 u 9;

(d) kull att ieħor, notifika jew dikjarazzjoni relatati ma' dan il-Protokoll.

B'xhieda ta' dan il-firmatarji, awtoriżżati kif xieraq, iffirmaw dan il-Protokoll.

MAGĦMUL FI STRASBOURG, DAN IT-TNEJN U GĦOXRIN JUM TA' NOVEMBRU 1984, bl-Ingliż u l-Franċiż, biż-żewġ testi ugwalment awtentiċi, b'kopja waħda li għandha tiġi depożitata fl-arkivji tal-Kunsill tal-Ewropa. Is-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa għandu jittrażmetti kopji autentikati lil kull Stat membru tal-Kunsill tal-Ewropa.

# Protokoll Nru 12

## għall-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fondamentali

Ruma, 4.XI.2000

L-ISTATI MEMBRI TAL-KUNSILL TAL-EWROPA, firmatarji,

Wara li kkunsidraw il-prinċipju fondamentali li l-persuni kollha huma ugwali quddiem il-liġi u għandhom dritt għall-protezzjoni ugwali tal-liġi;

Peress li huma deċiżi jieħdu passi ulterjuri sabiex jippromwovu l-ugwaljanza tal-persuni kollha permezz tal-infurzar kollettiv ta' projbizzjoni ġenerali tad-diskriminazzjoni bil-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fondamentali, iffirmata f'Ruma fl-erbgħa ta' Novembru 1950 (minn hawn il-quddiem imsejħa "il-Konvenzjoni");

Filwaqt li jaffermaw mil-ġdid li l-prinċipju tan-non-diskriminazzjoni ma jwaqqafx l-Istati Parti milli jieħdu miżuri biex jippromwovu l-ugwaljanza sħiħa u effettiva, dejjem jekk ikun hemm ġustifikazzjoni oġġettiva u raġonevoli għal dawk il-miżuri,



Ftehmu kif ġej:

### ARTIKOLU 1

**Projbizzjoni ġenerali tad-diskriminazzjoni**

1. Id-dgawdija ta' kull dritt iddikjarat bil-liġi għandu jiġi assigurat mingħajr diskriminazzjoni għall-ebda raġuni, bħal sess, razza, kulur, lingwa, reliġjon, opinjonijiet politiċi jew oħrajn, oriġini nazzjonali jew soċjali, sħubija ma' minoranza nazzjonali, proprjeta`, twelid jew kwalunkwe status ieħor.

2. Ħadd ma għandu jbagħti minn diskriminazzjoni minn naħa ta' kwalunkwe awtorita` pubblika għall-ebda raġuni kif msemmija fil-paragrafu 1.

### ARTIKOLU 2

**Applikazzjoni territorjali**

1. Kwalunkwe Stat jista' fil-mument tal-firma jew meta jiddepożita l-istrument ta' ratifika, aċċettazzjoni jew approvazzjoni tiegħu, jispeċifika t-territorju jew territorji li għalihom ser japplika dan il-Protokoll.

2. Kwalunkwe Stat jista' fi kwalunkwe mument ieħor, b'dikjarazzjoni indirizzata lis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa, jestendi l-applikazzjoni ta' dan il-Protokoll għal kwalunkwe territorju ieħor speċifikat fid-dikjarazzjoni. Fir-rigward ta' dan it-territorju l-Protokoll għandu jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tax-xahar wara li jkunu għaddew tlett xhur mid-data li fiha s-Segretarju Ġenerali jkun irċeva d-dikjarazzjoni.

3. Kwalunkwe dikjarazzjoni magħmula skont iż-żewġ paragrafi preċedenti tista', fir-rigward ta' kwalunkwe territorju speċifikat fl-istess dikjarazzjoni, tiġi rtirata jew mibdula b'notifika indirizzata lis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa. L-irtirar jew bidla għandhom isiru effettivi fl-ewwel jum tax-xahar wara li jkunu għaddew tlett xhur mid-data li fiha s-Segretarju Ġenerali jkun irċeva n-notifika.

4. Dikjarazzjoni li tkun saret skont dan l-Artikolu għandha tiġi kkonsidrata magħmula skont il-paragrafu 1 tal-Artikolu 56 tal-Konvenzjoni.

5. Kwalunkwe Stat li għamel dikjarazzjoni skont il-paragrafu 1 jew 2 ta' dan l-Artikolu jista' fi kwalunkwe mument jiddikjara f'isem wieħed jew aktar territorji li tirreferi għalihom id-dikjarazzjoni, li jaċċetta l-kompetenza tal-Qorti sabiex tirċievi applikazzjonijiet minn għand individwi, organiżżazzjonijiet non-governattivi jew gruppi ta' individwi skont l-Artikolu 34 tal-Konvenzjoni fir-rigward tal-Artikolu 1 ta' dan il-Protokoll.

## ARTIKOLU 3

### Relazzjoni mal-Konvenzjoni

L-Istati Parti jikkonsidraw id-disposizzjonijiet tal-Artikoli 1 u 2 ta' dan il-Protokoll bħala Artikoli addizzjonali għall-Konvenzjoni u d-disposizzjonijiet kollha tal-Konvenzjoni għandhom japplikaw b'konsegwenza ta' dan.

## ARTIKOLU 4

### Firma u ratifika

Il-Protokoll għandu jkun miftuħ għall-firma tal-Istati Membri tal-Kunsill tal-Ewropa li ffirmaw il-Konvenzjoni. Huwa soġġett għal ratifika, aċċettazzjoni jew approvazzjoni. Stat membru tal-Kunsill tal-Ewropa ma jistagħx jirratifika, jaċċetta jew japprova dan il-Protokoll sakemm ma jkunx qabel jew fl-istess ħin irratifika l-Konvenzjoni. L-istrumenti ta' ratifika, aċċettazzjoni jew approvazzjoni għandhom jiġu depożitati għand is-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa.



## ARTIKOLU 5

### Dħul fis-seħħ

1. Dan il-Protokoll għandu jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tax-xahar wara li jkunu għaddew tlett xhur mid-data li fiha għaxar Stati membri tal-Kunsill tal-Ewropa jkunu esprimew il-kunsens tagħhom li jintrabtu bil-Protokoll skont id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 4.

2. Fir-rigward ta' kwalunkwe Stat membru li jesprimi aktar tard il-kunsens tiegħu li jintrabat, il-Protokoll għandu jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tax-xahar wara li jkunu għaddew tlett xhur mid-data li fiha ġie depożitat l-strument ta' ratifika, aċċettazzjoni jew approvazzjoni.

## ARTIKOLU 6

### Funzjonijiet ta' depożitarju

Is-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa għandu jinnotifika lil-Istati membri kollha tal Kunsill dwar:

(a) kull firma;

(b) id-depożitu ta' kull strument ta' ratifika, aċċettazzjoni jew approvazzjoni;

(ċ) kull data ta' dħul fis-seħħ ta' dan il-Protokoll skont l-Artikoli 2 u 5;

(d) kull att ieħor, notifika jew komunikazzjoni relatati ma dan il-Protokoll.

B'xhieda ta' dan il-firmatarji, awtoriżżati kif xieraq, iffirmaw dan il-Protokoll.

MAGĦMUL F' RUMA, DAN IR-RABA' JUM TA' NOVEMBRU 2000, bl-Ingliż u l-Franċiż, biż-żewġ testi ugwalment awtentiċi, b'kopja waħda li għandha tiġi depożitata fl-arkivji tal-Kunsill tal-Ewropa. Is-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa għandu jittrażmetti kopji autentikati lil kull Stat membru tal-Kunsill tal-Ewropa.

# Protokoll Nru 13

## għall-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fondamentali dwar l-abolizzjoni tal-piena tal-mewt fiċ-ċirkostanzi kollha

Vilnius, 3.5.2002

L-ISTATI MEMBRI TAL-KUNSILL TAL-EWROPA, firmatarji,

Konvinti li d-dritt għall-ħajja ta' kullħadd huwa valur basiku f'soċieta` demokratika u li l-abolizzjoni tal-piena tal-mewt hija essenzjali għall-protezzjoni ta' dan id-dritt u għar-rikonixximent sħiħ tad-dinjita` inerenti tal-bnedmin kollha;

Peress li jixtiequ jsaħħu l-protezzjoni tad-dritt għall-ħajja garantita mill-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fondamentali ffirmata f'Ruma l-erbgħa ta' Novembru 1950 (minn hawn il-quddiem imsejħa "il-Konvenzjoni"),

Waqt li jinnutaw li l-Protokoll Nru 6 għall-Konvenzjoni, dwar l-Abolizzjoni tal Piena tal-Mewt, iffirmat fi Strasbourg fit-tmienja u għoxrin ta' April 1983, ma jeskludix il-piena tal-mewt fir-rigward ta' atti mwettqa fi żmien ta' gwerra jew ta' theddida imminenti ta' gwerra;

Peress li huma deċiżi jieħdu l-pass finali sabiex tiġi abolita l-piena tal-mewt fiċ-ċirkostanzi kollha,



Ftehmu kif ġej:

### ARTIKOLU 1

**Abolizzjoni tal-piena tal-mewt**

Il-piena tal-mewt għandha tkun abolita. Ħadd ma għandu jiġi kkundannat għal dik il-piena jew titneħħilu ħajtu.

### ARTIKOLU 2

**Projbizzjoni ta' derogi**

Ma għandha ssir l-ebda deroga skont l-Artikolu 15 tal-Konvenzjoni mid-disposizzjonijiet ta' dan il-Protokoll.

### ARTIKOLU 3

**Projbizzjoni ta' riżervi**

L-ebda riżerva ma tista' ssir skont l-Artikolu 57 tal-Konvenzjoni fir-rigward tad-disposizzjonijiet ta' dan il-Protokoll.

### ARTIKOLU 4

**Applikazzjoni territorjalil**

1. Kwalunkwe Stat jista' fil-mument tal-firma jew meta jiddepożita l-istrument ta' ratifika, aċċettazzjoni jew approvazzjoni tiegħu, jispeċifika t-territorju jew territorji li għalihom ser japplika dan il-Protokoll.

2. Kwalunkwe stat jista' fi kwalunkwe mument ieħor, b'dikjarazzjoni indirizzata lis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa, jestendi l-applikazzjoni ta' dan il-Protokoll għal kwalunkwe territorju ieħor speċifikat fid-dikjarazzjoni. Fir-rigward ta' dan it-territorju l-Protokoll għandu jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tax-xahar wara li jkunu għaddew tlett xhur mid-data li fiha s-Segretarju Ġenerali jkun irċeva d-dikjarazzjoni.

3. Kwalunkwe dikjarazzjoni magħmula skont iż-żewġ paragrafi preċedenti tista', fir-rigward ta' kwalunkwe territorju speċifikat fl-istess dikjarazzjoni, tiġi rtirata jew mibdula b'notifika indirizzata lis-Segretarju Ġenerali. L-irtirar jew bidla għandhom isiru effettivi fl-ewwel jum tax-xahar wara li jkunu għaddew tlett xhur mid-data li fiha s-Segretarju Ġenerali jkun irċeva n-notifika.

## ARTIKOLU 5

### Relazzjoni mal-Konvenzjoni

L-Istati Parti jikkonsidraw id-disposizzjonijiet tal-Artikoli 1 sa 4 ta' dan il-Protokoll bħala Artikoli addizzjonali għall-Konvenzjoni u d-disposizzjonijiet kollha tal-Konvenzjoni għandhom japplikaw b'konsegwenza ta' dan.

## ARTIKOLU 6

### Firma u ratifika

Il-Protokoll għandu jkun miftuħ għall-firma tal-Istati membri tal-Kunsill tal-Ewropa li ffirmaw il-Konvenzjoni. Huwa soġġett għal ratifika, aċċettazzjoni jew approvazzjoni. Stat membru tal-Kunsill tal-Ewropa ma jistagħx jirratifika, jaċċetta jew japprova dan il-Protokoll sakemm ma jkunx qabel jew fl-istess ħin irratifika l-Konvenzjoni. L-istrumenti ta' ratifika, aċċettazzjoni jew approvazzjoni għandhom jiġu depożitati għand is-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa.

## ARTIKOLU 7

### Dħul fis-seħħ

1. Dan il-Protokoll għandu jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tax-xahar wara li jkunu għaddew tlett xhur mid-data li fiha għaxar stati membri tal-Kunsill tal-Ewropa jkunu esprimew il-kunsens tagħhom li jintrabtu bil-Protokoll skont id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 6.



2. Fir-rigward ta' kwalunkwe Stat membru li jesprimi aktar tard il-kunsens tiegħu li jintrabat, il-Protokoll għandu jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tax-xahar wara li jkunu għaddew tlett xhur mid-data li fiha ġie depożitat l-strument ta' ratifika, aċċettazzjoni jew approvazzjoni.

## ARTIKOLU 8

### Funzjonijiet ta' depożitarju

Is-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa għandu jinnotifika lil-istati membri kollha tal Kunsill dwar:

(a) kull firma;

(b) id-depożitu ta' kull strument ta' ratifika, aċċettazzjoni jew approvazzjoni;

(ċ) kull data ta' dħul fis-seħħ ta' dan il-Protokoll skont l-Artikoli 4 u 7;

(d) kull att ieħor, notifika jew komunikazzjoni relatati ma dan il-Protokoll.

B'xhieda ta' dan il-firmatarji, awtoriżżati kif xieraq, iffirmaw dan il-Protokoll.

MAGĦMUL F' VILNIUS, DAN IT-TIELET JUM TA' MEJJU 2002, bl-Ingliż u l-Franċiż, biż-żewġ testi ugwalment awtentiċi, b'kopja waħda li għandha tiġi depożitata fl-arkivji tal-Kunsill tal-Ewropa. Is-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa għandu jittrażmetti kopji autentikati lil kull Stat membru tal-Kunsill tal-Ewropa.

# Protokoll Nru 16

## għall-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal Bniedem u l-Libertajiet Fondamentali

Strasbourg, 2.X.2013

L-ISTATI MEMBRI TAL-KUNSILL TAL-EWROPA U PARTIJIET GĦOLJA KONTRAENTI OĦRA GĦALL-KONVENZJONI GĦALL-PROTEZZJONI TAD-DRITTIJIET TAL-BNIEDEM U L-LIBERTAJIET FONDAMENTALI, iffirmata f'Ruma fl 4 ta' Novembru 1950 (minn hawn 'il quddiem imsejħa "il Konvenzjoni"), firmatarji ta' dan il-Protokoll,

Fid-dawl tad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni u b'mod partikolari, l-Artikolu 19 li jistabbilixxi l-Qorti Ewropea tad Drittijiet tal-Bniedem (minn hawn 'il quddiem imsejħa "il Qorti");

Billi l-estensjoni tal-kompetenza tal-Qorti sabiex tagħti opinjonijiet konsultattivi sejra tkompli ttejjeb l-interazzjoni bejn il-Qorti u l-awtoritajiet nazzjonali u b'hekk issaħħaħ l implimentazzjoni tal-Konvenzjoni, skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà;

Fid-dawl ta' Opinjoni Nru 285 (2013) adottata mill-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa fit-28 ta' Ġunju 2013,



Ftehmu kif ġej:

### ARTIKOLU 1

1. L-ogħla qrati u tribunali ta' Parti Għolja Kontraenti, kif speċifikat skont l-Artikolu 10, jistgħu jitolbu lill-Qorti biex tagħti opinjonijiet konsultattivi dwar kwistjonijiet ta' prinċipju relatati mal-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni tad-drittijiet u l libertajiet definiti fil-Konvenzjoni jew fil-protokolli tagħha.

2. Il-qorti jew it-tribunal li jagħmlu t-talba jistgħu jitolbu opinjoni konsultattiva biss fil-kuntest ta' każ pendenti quddiemhom.

3. Il-qorti jew it-tribunal li jagħmlu t-talba għandhom jagħtu r raġunijiet għat-talba tagħhom u għandhom jipprovdu l-isfond legali u fattwali rilevanti tal-każ pendenti.

### ARTIKOLU 2

1. Panel ta' ħames imħallfin tal-Kamra l-Kbira għandu jiddeċiedi jekk jaċċettax it-talba għal opinjoni konsultattiva, fid-dawl tal Artikolu 1. Jekk il-panel jirrifjuta t-talba, dan għandu jagħti r raġunijiet għaliex.

2. Jekk il-panel jaċċetta t-talba, l-Kamra l-Kbira għandha tagħti l opinjoni konsultattiva.

3. Il-panel u l-Kamra l-Kbira, kif imsemmi fil-paragrafi preċedenti, għandhom jinkludu ex officio l-imħallef elett f'isem il-Parti Għolja Kontraenti li għalijha tappartjeni l-qorti li qed tagħmel it-talba. Jekk dan l-imħallef mhux preżenti jew ma jistax jieħu sehem fil każ, persuna magħżula mill-President tal-Qorti, minn lista mressqa minn qabel minn dik il-Parti, għandha toqgħod fil kapaċità ta' imħallef.

### ARTIKOLU 3

Il-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill tal-Ewropa u l-Parti Għolja Kontraenti li jappartjenu għaliha il-qorti jew it tribunal li qed jagħmlu t-talba għandu jkollhom id-dritt li jissottomettu

kummenti bil-miktub u jieħdu sehem fis-seduti. Il President tal-Qorti jista', fl-interess tal-amministrazzjoni xierqa tal-ġustizzja, jistieden lil kwalunkwe Parti Għolja Kontraenti jew persuna oħra, sabiex tissottometti kummenti bil-miktub jew tieħu sehem fi kwalunkwe smigħ.

## ARTIKOLU 4

1. Għandhom jingħataw raġunijiet għal opinjonijiet konsultattivi.

2. Jekk l-opinjoni konsultattiva ma tirrappreżentax, kompletament jew parzjalment, l-opinjoni unanima tal-imħallfin, kull imħallef għandu d-dritt li jagħti opinjoni separata.

3. L-opinjonijiet konsultattivi għandhom jiġu kkomunikati lill qorti jew lit-tribunal li jkunu għamlu t-talba u lill-Parti Għolja Kontraenti li għalieh t/jappartjeni il-qorti jew tribunal.

4. L-opinjonijiet konsultattivi għandhom jiġu ppubblikati.

## ARTIKOLU 5

L-opinjonijiet konsultattivi m'għandhomx ikunu vinkolanti.

## ARTIKOLU 6

Il-Partijiet Għolja Kontraenti għandhom iqisu d-dispożizzjonijiet tal Artikoli 1 sa 5 ta' dan il-Protokoll bħala artikoli addizzjonali għall-Konvenzjoni u d-disposizzjonijiet kollha tal-Konvenzjoni għandhom japplikaw b'konsegwenza ta' dan.

## ARTIKOLU 7

1. Dan il-Protokoll għandu jkun miftuħ għall-firma tal-Partijiet Għolja Kontraenti għall-Konvenzjoni, li jistgħu jesprimu l-kunsens tagħhom li jkunu marbuta b':

(a) firma mingħajr riżerva fir-rigward tar-ratifika, l-aċċettazzjoni jew l-approvazzjoni; jew

(b) firma soġġetta għal ratifika, aċċettazzjoni jew approvazzjoni, segwita minn ratifika, aċċettazzjoni jew approvazzjoni.

2. L-istrumenti ta' ratifika, aċċettazzjoni jew approvazzjoni għandhom jiġu depożitati għand is-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa.

## ARTIKOLU 8

1. Dan il-Protokoll għandu jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tax-xahar ta' wara l-iskadenza ta' perjodu ta' tliet xhur wara d-data li fiha għaxar Partijiet Għolja Kontraenti għall-Konvenzjoni jkunu esprimew il-kunsens tagħhom li jintrabtu bil-Protokoll skont id dispożizzjonijiet tal-Artikolu 7.

2. Fir-rigward ta' kwalunkwe Parti Għolja Kontraenti għall Konvenzjoni li tesprimi aktar tard il-kunsens tagħha li tintrabat bil-Protokoll, dan għandu jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tax-xahar wara l-iskadenza ta' perjodu ta' tliet xhur wara d-data li fiha tkun esprimiet il-kunsens tagħha li tkun marbuta bil Protokoll skond id-dispożizzjonijiet tal- Artikolu 7.

## ARTIKOLU 9

L-ebda riserva ma tista' ssir taħt l-Artikolu 57 tal-Konvenzjoni fir rigward tad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Protokoll.

## ARTIKOLU 10

Kull Parti Għolja Kontraenti għall-Konvenzjoni għandha, meta tiffirma jew meta tiddepożita l-istrument tagħha ta' ratifika, aċċettazzjoni jew approvazzjoni, permezz ta' dikjarazzjoni indirizzata lis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa, tindika l qrati jew it-tribunali li taħtar għall-finijiet tal-Artikolu 1, paragrafu 1, ta' dan il-Protokoll. Din id-dikjarazzjoni tista' tiġi modifikata fi kwalunkwe data aktar tard u bl-istess mod.

## ARTIKOLU 11

Is-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa għandu jinnotifika lill-Istati Membri tal-Kunsill tal-Ewropa u lill-Partijiet Għolja Kontraenti l-oħra għall-Konvenzjoni dwar:

(a) il-firem kollha;

(b) id-depożitu ta' kwalunkwe strument ta' ratifika, aċċettazzjoni jew approvazzjoni;

(c) kull data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Protokoll skont l-Artikolu 8;

(d) kull dikjarazzjoni magħmula skond l-Artikolu 10; u

(e) kull att ieħor, notifika jew komunikazzjoni marbuta ma' dan il Protokoll.

B'xhieda ta' dan il-firmatarji, awtorizzati kif xieraq, iffirmaw dan il-Protokoll.

Magħmul fi Strasbourg, dan it-tieni jum ta' Ottubru 2013, bl Ingliż u bil-Franċiż, biż-żewġ testi ugwalment awtentiċi, b'kopja waħda li għandha tiġi depożitata fl-arkivji tal-Kunsill tal Ewropa. Is-Segretarju Ġenerali għandu jittrażmetti kopji autentikati lil kull Stat Membru tal-Kunsill tal-Ewropa u lill Partijiet Għolja Kontraenti l-oħra tal-Konvenzjoni.

# Il-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem

European Court of Human Rights
Council of Europe
F-67075 Strasbourg cedex

www.echr.coe.int

MLT

Design: © ECHR - Photo: © Shutterstock